# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Josef Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru: 1049/13**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` numru 0133680M.

Akkuzat talli:

1. Talli f`dawn il-Gzejjer, fi granet ta' bejn il-05 ta' Lulju 2013 u is-06 ta' lulju 2013, f'xi hin mal-lejl, minn gewwa residenza numru 61, Triq Gafa', Mosta, ikkommetta serq ta' diversi gojjeli ta' deheb ghal-valur mhux maghruf, serq ta' flus kontanti ta' ammont ta' ***AUS $10,000***, serq ta' ***sebgha (7)*** dokumenti ***Awstraljani***, kif ukoll ***erbgha (4) armi ta' nar*** cioe' ***revolver*** ta' ghamla ***Taurus numru ta' serie SE 739362***, ***revolver Smith & Wesson numru ta' serie BJH9986***, ***Pistola*** ta' Ghamla ***Glock numru ta' serie LCB242*** u kif ukoll ***Pistola Brownigg*** numru ta' ***serie EO4229*** liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' ***Mario Riolo*** detentur ta' karta ta' Identita: ***0230970 M*** u/jew ta' persuni ohra;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellek fil-pussess jew kontroll tieghek, jew

kellek f' idejk jew fuqek, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

3. Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gejt fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort' ohra milli b' licenza, u minnufih inqast taghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

4. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-ammont ta' mija u sittax il ewro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47c) u liema hsara saret fuq bieb ta' residenza numru 61, Triq Gafa', Mosta ghad-dannu ta' Mario Riolo detentur ta' karta ta' Identita: 0230970 M u/jew ta' persuni ohra;

5. Talli laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; u

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. C.Stafrace Zammit LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 500 euro bhala depositu u 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. M.Hayman LL.D. fil- 15 ta' Marzu 2013 u kif sussegwentement emendati b'digriet mill-Imhallef Onor.M.Mallia LL.D, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 1,000 euro bhala depositu u 10,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. C.S. Herrera LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Josef Buttigieg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 2,000 euro bhala depositu u 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu Art. 49 u Art.50 Kap 9.

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha huwa kkonferma tali ammissjoni;

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta datat tmintax ta' Jannar elfejn u sbatax (2017) fejn intlahaq ftehim a rigward il-piena applikabbli;

Rat ir-rikors konguntiv tal-prosekuzzjoni u tad-difiza datat hdax (11) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) fejn gie maqbul illi l-imputat diga` kien precedentement issentenzjat ghat-tliet (3) akkuzi tal-ksur tal-liberta` kondizzjonata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-provi migbura sal-ammissjoni tal-imputat;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 266(1), 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280,(1), 325(b), 334(a), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kap. 480 tal-LIgijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Josef Butigieg hati tal- ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) akkuzi u stante li l-hames (5) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza tikkundannah ghal piena komplessiva ta' hames (5) snin prigunerija. Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuza u cioe` dawk tal-ksur tal-liberta provizjorja u dan stante li l-imputat kien gie diga` sentenzjat fuqhom.

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qed jigi wkoll ikkundannat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn, mija u wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (2, 151.62) u fin-nuqqas ta' hlas relattiv, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi. Kif ukoll is-somma ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€350) lill-parte civile bhala hsarat subiti ai fini tar-raba' (4) akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

___________________________________________

**Magistrat Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**